32006R0250

L 42/24 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 14.2.2006

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 250/2006

tat-13 ta' Frar 2006

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 560/2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi kontra ċerti persuni u entitajiet b'kunsiderazzjoni għas-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 560/2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi kontra ċerti persuni u entitajiet b'kunsiderazzjoni għas-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 11 (a) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 560/2005 jelenka l-persuni naturali u legali u l-entitajiet kopertipermezz tal-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi taħt dak ir-Regolament.

(2) Fit-30 ta' Mejju 2006, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonjiet Uniti ddeċieda li jemenda l-lista ta' persuni naturali li għalihom għandu japplika l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi. L-Anness I għandu għalhekk jiġi emendat kif inhu xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 560/2005 huwa hawnhekk emendat kif stipulat fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

[1] OJ L 95, 14.4.2005, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 250/2006 (ĠU 42, 14.2.2006, p.24)

Artikolu 2

Dan ir-Regolament se jidħol fis-seħħ fil-ġurnata wara li jkun ġie ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament se jkun jorbot fl-intier tiegħu u applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 13 ta' Frar 2006.

Għall-Kummissjoni
Eneko LANDÁBURU
Id-Direttur-Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni

ANNESS

Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 560/2005 huwa emendat kif ġej:

(1) L-isem "Charles **Blé Goudé**. Data tat-twelid: 1.1.1972. Nazzjonalità: Côte d'Ivoire. Nru tal-Passaport: PD. AE/088 DH 12" għandu jiġi sostitwit b'li ġej:

Charles Goudé **Blé** (*alias* Gbapé Zadi). Indirizz: Bloc P 170, Yopougon Selmer, Côte d'Ivoire. Data tat-Twelid: 1.1.1972. Post tat-twelid: Guibéroua (Gagnoa). Nazzjonalità: Côte d'Ivoire. Nru tal-Passaport: PD. AE/088 DH 12. Informazzjoni oħra: (1) indirizz fl-2001, (2) isimijiet jew titoli xort'oħra: "Général" jew "Génie de kpo".

(2) L-isem "Eugène Ngoran Kouadio **Djué**. Data tat-twelid: 20.12.1969 jew 1.1.1966. Nazzjonalità: Côte d'Ivoire" se jiġi mibdul b'li ġej:

Djué Eugène Ngoran **Kouadio**. Data tat-twelid: 20.12.1969 jew 1.1.1966. Nazzjonalità: Côte d'Ivoire. Nru tal-Passaport: 04 LE 017521 (passaport maħruġ fl-10 ta' Frar 2005 u jiskadi fl-10 Frar 2008).